MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 1374/2003

**United Acceptances Finance Ltd.**

**-vs-**

**Anthony Mario Vella, Chequers Inn Operators Ltd, L.C.C. Insulation Limited u George Properties Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Dicembru, 2003 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Anthony Vella, u tas-socjeta' konvenuta Chequers Inn Operators Limited fis-somma ta' wiehed u erbghin elf disa' mija tnejn u sittin liri

Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm41,962.92) dovuti kwantu ghal tlieta u ghoxrin elf mija sitta u hamsin liri Maltin tlieta u erbghin centezmu (Lm23,156.43) sorte u tmintax-il elf tmien mija u sitt liri Maltin disa’ u erbghin centezmu (Lm18,806.49) imghaxijiet, bilanc minn ammont akbar naxxenti minn kuntratt pubbliku datat 10 ta’ Mejju 1990 bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello hawn anness u mmarkat Dokument “A”;

Illi dan il-kreditu tal-istess konvenut Anthony Mario Vella u s-socjeta’ konvenuta Chequers Inn Operators Limited huwa kawtelat *inter alia* permezz ta’ ipoteka specjali iskritta fir-Registru Pubbliku bin-numru tmien telef tmienja u sebghin tas-sena elf disgha mija u disghin (I 8878/90), fuq bicca art f’San Giljan, fi triq bla isem li taghti ghal Triq Regjonali, bil-kejl ta’ circa hames mija erbgha u ghoxrin punt tnejn metri kwadri (524.2m2) u kif ahjar deskritt fil-fuq imsemmi kuntratt pubbliku u fl-ipoteka specjali;

Illi in forza ta’ bejgh in subbasta mizmum mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Novembru 2002, il-propjeta’ fuq imsemmija giet mibjugha lis-socjeta’ konvenuta George Properties Limited versu l-prezz ta’ sitta u tmenin elf liri Maltin (Lm86,000) u dank if jirrizulta mill-anness Dokument “B”;

Illi permezz ta’ att gudizzjarju is-socjeta’ konvenuta L.C.C. Insulation Limited infurmat lis-socjeta’ attrici li akkwistat l-art imsemmija flimkien ma propjeta’ ohra u dan kif jirrizulta mill-anness Dokument “C”;

Illi s-socjetajiet konvenuti George Properties Ltd u L.C.C. Insulation Ltd ma ghamlux dak li hu mehtieg mill-ligi sabiex l-istess propjeta’ tinheles mid-drittijiet ipotekarji tas-socjeta’ attrici;

Illi permezz ta' protest gudizzjarju pprezentat fit-23 ta' Gunju 2003 li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u mmarkata Dokument "D" is-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuti Anthony Mario Vella, Chequers Inn Operators Limited, L.C.C. Insulation Limited u George Properties Ltd sabiex ihallsu d-dejn dovut lilha jew jirrilaxxaw l-propjeta' in kwistjoni, izda dawn xorta baqghu inadempjenti;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tordna l-vendita gudizzjarja tal-imsemmija proprjeta' f'San Giljan, fi triq bla isem li taghti ghal Triq Regjonali tal-kejl ta' circa hames mija erbgha u ghoxrin punt tnejn metri kwadri (524.2m2) kif deskritt fil-att ippublikat minn Nutar Mario Rosario Bonello fl-10 ta' Mejju 1990 u wkoll fl-ipoteka relattiva, sabiex s-socjeta' attrici tkun tista' mir-rikavat tithallas id-debitu dovut lilha li jaggrava l-imsemmi immobli;

Bl-ispejjez, inkluz tal-protest gudizzjarji tat-23 ta' Gunju 2003 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. Reuben Balzan, I.D 182869(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti ghalkemm notifikati bic-citazzjoni baqghu ma ppresentawx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huma kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol 23 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti ta' l-10 ta' Gunju, 2005 u dawk sussegwenti illi permezz taghhom il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi fil-mori tal-kawza l-atturi cedew il-kawza fil-mertu izda zammewha fil-konfront tal-konvenuti Vella u s-socjeta' Chequers Inn Operators Limited.

Ma jidhirx li hemm diffikolta' biex il-Qorti tilqa' t-talbiet taghhom billi l-konvenuti ma ressqux provi biex irribattu dawk attrici.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu stante c-cessjoni, tikkundanna lill-konvenuti msemmija Anthony Mario Vella u Chequers Inn Operators Limited biex ihallsu l-ispejjes tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------